MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 6/2004

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Jannar 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici A u l-konvenut B zzewgu fil-25 t'Awissu 1998 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok "JS1";

Illi l-kunsens ta' l-attrici ghaz-zwieg imsemmi nkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet

serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja illi ghamlitha mpossibbli ghall-konvenut illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat u mhux hieles peress illi nkiseb bi vjolenza, sew fizika, sew morali jew biza’;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet hu null u nvalidu skond il-ligi;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-25 t’April 1998 fuq imsemmi hu null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-attrici **A** datata 5 t’April 2004 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat id-digriet affidavit moghti lill-partijiet fit-12 t’April 2004 fejn il-Qorti ppref iggiet terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata lill-attrici sabiex tipprezenta x-xhieda kollha taghha producibbli bil-procedura ta’ l-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur tieghu, li jkollu wkoll l-istess terminu sabiex huwa wkoll jipprezenta l-affidavits tieghu.

Rat il-verbal tad-19 ta’ Mejju 2004 fejn il-Qorti kkonfermat id-digriet ta’ l-affidavits.

Rat li l-konvenut gie notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fl-24 ta’ Awissu 2004, izda l-istess konvenut ma pprezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u baqa’ kontumaci.

Rat in-noti ta’ l-attrici wahda datata 7 ta’ Settembru 2004 li permezz taghha esebiet l-affidavits ta’ hutha **Elizabeth u Simon Scerri**, u ta’ **A**, u l-ohra datata 7 t’Ottubru 2004 li permezz taghha pprezentat affidavit taghha t’ohtha **Doreen Grech Scerri**.

Rat il-verbali tas-seduti ta’ l-4 ta’ Novembru 2004, u tat-12 t’April 2005 fejn ma deher hadd u l-kawza giet differita ghal sentenza in difett t’ostakolu ghas-27 t’Ottubru 2005 b’dan li l-konvenut inghata l-fakulta’ li jipprezenta nota t’osservazzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) gurnata bin-notifika lill-kontro-parti li jkollha l-istess terminu ghal nota responsiva.

Rat li minkejja li gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici l-konvenut baqa’ ma pprezenta ebda nota ta’ l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi fic-citazzjoni pprezentata minnha l-attrici talbet illi z-zwieg celebrat bejnha u bejn il-konvenut jigi dikjarat null u bla effett, peress li *inter alia* l-kunsens taghha nkiseb b’qerq dwar kwalita’ tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga, peress illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija

psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-konvenut illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat u mhux hieles peress li nkiseb bi vjolenza sew fizika, sew morali jew biza'.

Illi s-sub-incizi ta' l-**artikolu 19 (1) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975** li ghalihom qed tirreferi l-attrici huma **(a), (c)** u **(d).**

Illi l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** jghid:

*"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null*:

***(a)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza'."*

Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu 2000) diga' kellha okkazjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza'.

Illi kif inghad fil-kaz **"Bo sive B Saliba vs Mary Saliba"** ( P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):-

*"… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista' tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura rrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi wkoll fil-kaz **"Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (FD) deciza fil-25 ta' Gunju 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:-

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibbilta' lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza' tista' tkun ukoll "*reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza' lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. - 22 ta' Novembru1982) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza' ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza' fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita'. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza' li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza' li taqa' taht l-**artikolu 19 (a)**."*

Illi l-attrici tissottometti illi z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid zwieg ikun null;

***(c)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-sub-artikolu:-

*"Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra"* (**"Sh A mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – 22 ta' Novembru 1982), u **"Silvana Sultana vs Dr Tanya Sciberras Camilleri noe et"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002 - Cit Nru 547/00).

Illi element importanti ta’ dan is-sub-artikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi fl-ahharnett l-attrici ssostni illi l-kunsens tal-konvenut kien null a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d)** li jghid:-

*“**(d)** jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.”*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga’ kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia’ Borg”** (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porsella-Flores et noe”** (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza fit-18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta’ ***Viladrich***:-

*“Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring”* (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J.,*** *op.cit.,* p. 687).

Illi kif inghad fis-sentenza **"Natasha Xuereb vs Randoph Xuereb"** (P.A. (RCP) 26 ta' Novembru 2002) jidher ghalhekk li l-partijiet kellhom il-kunsens taghhom vizzjat peress li kellhom difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u wkoll il-kunsens taghhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg ghaliex in verita' ma kien hemm ebda kunsens liberu tal-partijiet ghall-istess ghaqda legali u *"dan ghaliex iz-zwieg ma huwiex formalita' u lanqas kuntratt kwalunkwe ghall-haga specifika, izda huwa mpenn ta' hajja shiha moghtija minn parti lill-ohra u vice versa, li jigi trasmess lill-frott tal-istess zwieg, jekk Alla jippermetti u jzewwaq tali zwieg bl-istess frott. Dan huwa l-kuncett veru taz-zwieg u l-element essenzjali ta' l-istess, li minghajru l-ebda zwieg ma jista' jissussisti specjalment fil-hajja moderna tal-lum fejn it-tentazzjonijiet huma kbar, u dan apparti d-diffikultajiet tal-hajja nnifisha, li anke jekk wiehed joqghod attent xorta ser jiltaqa' maghhom."*

## <u>(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi jidher mill-provi prodotti biss mill-attrici, li z-zwieg bejn il-partijiet sehh fil-25 t'April 1998, u dan wara li l-partijiet iltaqghu l-ewwel darba f'diskoteka fit-18 ta' Frar 1992. Minn hawn il-kontendenti bdew johorgu flimkien, u l-attrici skopriet li l-konvenut kien ghadu kemm hareg minn programm ta' riabilitazzjoni mill-abbuz tad-droga. Min-naha taghha hi kienet ghadha kemm temmet relazzjoni ta' erba' snin ma' persuna ohra.

Illi jirrizulta li waqt l-eghrusija l-konvenut kien sar membru ta' l-ghaqda *new born christians* u jidher li l-attrici sewgietu. Pero' jidher assolutament car li l-ebda wahda mill-partijiet ma kienet fi stat li tifhem, tapprezza u timpenja ruhha fil-hajja mizzewga. Dan peress li jidher li sa mill-bidu nett kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom anke peress li l-konvenut kien jidher li kien ihossu aktar komdu ma' l-attrici meta huwa kien ikun imdawwar bil-hbieb jew koppji hbieb tieghu, milli meta jkun maghha wahdu. Jidher ukoll li dan in-nuqqas ta' komunikazzjoni kien rifless mill-fatt li z-zewg partijiet kellhom interessi differenti minn xulxin u qatt ma ppruvaw jirrikonciljaw din id-divergenza kollha ta' bejniethom.

Illi *nonstante* l-fatt li l-kontendenti damu sew flimkien qabel ma zzewgu, jidher li meta effettivament izzewgu hadd minnhom ma kien lest li jifforma familja. Skond l-attrici dan kien dovut primarjament peress li l-konvenut qatt ried jassumi din ir-responsabbilta'. Din l-allegazzjoni hija kkorroborata mix-xhieda ta' Elizabeth Scerri, oht l-attrici. Jidher li dan in-nuqqas ta' komunikazzjoni ggrava ruhu wara z-zwieg fejn il-konvenut adirittura kien ifittex li jsiefer wahdu minghajr ma jaghti sodisfazjon ta' xejn lill-attrici – haga li certament gabet fit-tmiem kull relazzjoni li l-istess partijiet kellhom bejniethom, anke wara li l-istess konvenut ma baqax membru ta' din l-ghaqda religjuza.

Illi a bazi tal-provi prodotti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**. Dan peress li l-partijiet fil-mument taz-zwieg kellhom nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha, fejn jidher li aktar taw importanza l-interessi personali

taghhom milli nteressaw ruhhom li jimpenjaw ruhhom ghal xulxin. Dan ghamilha aktar impossibbli ghalihom fl-ahhar mill-ahhar li jwettqu l-obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg, elementi li in verita' qatt u qatt ma mpenjaw ruhhom ghalihom, proprju ghaliex fl-istat li kienu meta taw il-kunsens ghaz-zwieg ma kinux kapaci jifhmu u allura jabbraccjaw il-portata tieghu.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-25 t'April 1998 fuq imsemmi hu null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u dan ghaliex il-kunsens ta' kull parti kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------